**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 332/2024 MS*

**James Camilleri and Son Limited**

**Vs.**

**Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana**

Illum, 5 ta' Ġunju 2025

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fis-26 ta' Marzu 2024, li permezz tiegħu, wara li ippremettiet dan li ġej:

> Illi s-Soċjeta' Rikorrenti topera fil-qasam tal-injam, fil-fatt ilha timporta l-injam lejn pajjiżna minn diversi pajjiżi madwar id-dinja kollha għal iktar minn tmienja u tlettin sena;

Illi lejn l-ahhar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), is-Soċjeta' Rikorrenti kellha bżonn tixtri injam teak u ġie offert lilha injam teak mis-soċjeta' Taljana TWB Solutions s.r.l, soċjeta' kummerċjali registrata ġewwa l-Italja bl-indirizz Viale Europa 22/e - 51017 Pescia (PT) (Registro Imprese Pistoia n. 01925150474) (kopja tal-kuntratt ta' bejgħ bejn is-Soċjeta' Rikorrenti u s-soċjeta' Taljana datat 15 ta' Novembru 2021 anness u mmarkat Dok. A1);

Illi s-Soċjeta' Rikorrenti ftehmet ma' din is-soċjeta' sabiex tforniha b'24,276 metru kubiku t'injam teak kif joħroġ car permezz tal-proforma invoice datata 20 t'April 2022 (kopja ta' liema annessa u mmarkata Dok. A2);

Illi wara li l-konsenja tal-injam waslet Malta, id-Dipartiment tad-Dwana rrilaxxa l- istess konsenja fl-intier tagħha a favur tas-Soċjeta' Rikorrenti fl-4 ta' Lulju 2022 u dana wara li ġiet segwita l-proċedura magħrufa bħala red release a kuntrarju ta' quick release (vide dikjarazzjonijiet relattivi annessi u mmarkati bħala Dok. A3 u Dok. A4 rispettivament);

Illi fit-13 ta' Lulju 2022 id-Dipartiment ta' Dwana, tramite rappreżentant tiegħu, kkomunika verbalment mas-Soċjeta' Rikorrenti u informaha li l-merkanzija qatt ma kellha tiġi rilaxxata peress li allegatament kisret is-sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja. Dan l-uffiċċjal insista li l-merkanzija in kwistjoni għandha tingabar u l-merkanzija li sa dakinhar ma kienetx laqhet inbiegħet, tiġi mgħoddija lid-Dipartiment;

Illi fl-20 ta' Lulju 2022 id-Dwana gabret din il-merkanzija mill-imħażen tas-Soċjeta' Rikorrenti ġewwa l-Marsa taħt kontestazzjoni assoluta tas-Soċjeta' Rikorrenti. Il-merkanzija miġbura kienet tammonta ghal sebgha (7) bundles teak planks konsistenti f'mitejn u erbgħin (240) biċċa (kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bħala Dok. A5;

Illi fil-25 ta' Lulju 2022, numru ta' ġimgħat wara li l-merkanzija kienet rilaxxata, id- Dwana bgħatet l-ordni li kienet fizikament eżegwiet bil-miktub lis-Soċjeta' Rikorrenti (Dok. A6);

Illi jiġi spjegat li s-Soċjeta' Rikorrenti xtrat l-injam in kwistjoni mis-Soċjeta' TWB Solutions s.r.l;

Illi kienet s-soċjeta' venditrici Taljana li xtrat l-injam precedentement mingħand is- soċjeta' National Wood Industry Limited u dan gabel ma' l-Unjoni Ewropeja daħlet fis-sehh ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/998 tal-21 ta' Gunju 2021 u Regolament ta' Implimentazzjoni Numru 401/2013 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni ġewwa Myanmar/Burma, u kif ukoll d-Deċiżjoni tal- Kunsill 2021/1000 (CFSP) tal-21 ta' Ġunju 2021, kif jidher mill-fatturi numerati EB- 71/GT/MR/2020-

2021 u EB-74/GT/MR/2020-2021 datati 25 ta' Jannar 2021 u 28 ta' Jannar 2021 rispettivament annessi u mmarkati Dok. A7 u Dok. A8);

Illi s-sanzjonijiet fis-seħħ, sa qabel ma saret l-ordni, il-bejgħ u l-ħlas tax-xiri tal-merkanzija mertu tal-kawża odjerna mis-Soċjeta' Rikorrenti ma kienux jinkludu, fuq il-lista ta' entitajiet sanzjonati u għalhekk li magħhom kien projbit li jsir negozzju, il- kumpanija National Wood Industry Ltd.;

Illi s-Soċjeta' Rikorrenti affetwat l-ħlas relattiv għal din il-merkanzija unikament u interament lis-Soċjeta' Vendita TWB Solutions l-Italja kif jidher ċar mid-dokument anness u mmarkat Dok. A9;

Illi l-Gvern ta' Malta jew l-istituzzjonijiet tieghu, hareg avviż titolat Government Notice on EU Sanctions against Myanmar Timber Enterprise (MTE), datat 25 ta' Ottubru 2022 fejn infurma lis-soċjeta' Rikorrenti li: a Government Notice on EU Sanctions against Myanmar Timber Enterprise (MTE) was issued on the 21st October 2022' (Dok. A10);

Illi, din l-merkanzija elevata mid-Dipartiment ta' Dwana sal-lum tinsab fil-pussess tal- istess Dipartiment u minkejja tentattivi sabiex din il-kwistjoni tiġi kjarifikata u determinata b'mod amikevoli, ma nstabitx soluzzjoni;

Illi sal-lum jidher li l-Kummissarju Intimat ma hax deċiżjoni dwar iż-żamma tal-injam mertu ta' din il-proċedura u ma ngħatat l-ebda nota ta' qbid lis-Soċjeta' Rikorrenti u dan minkejja l-obbligu u t-terminu hekk impost fuqu taħt l-Artikolu 72 tal-Kap. 37 tal- Liġijiet ta' Malta;

Illi in oltre, l-imsemmi Artikolu 72 sub-artikolu (3) jobbliga lill-Kummissarju sabiex jirritorna minnufih l-oġġetti miżmuma lill-persuna mingħand min inżammu, f'dan il- każ mingħand is-Soċjeta' Rikorrenti, jekk ma jieħux deċiżjoni fi żmien disgħin (90) jum tax-xogħol minn meta ssir iż-żamma tal-oġġett, terminu li issa ilu iktar minn sena li skada;

Illi l-aġir tal-Kummissarju Intimat ġja kkawża u qiegħed jikkawża danni ingenti lis- Soċjeta' Rikorrenti naxxenti mill-fatt illi b'konsegwenza diretta ta' tali żamma irregolari ġie paralizzat il-bejgh potenzjali tal-injam li wassal għal telf ta' qligh kummerċjali, li qiegħed jippreġudika l-avvjament tas-Soċjeta' Rikorrenti u jikkawżalha telf finanzjarju sostanzjali;

Illi l-Kummissarju Intimat minkejja li ġie debitament interpellat diversi drabi sabiex jirrilaxxa l-injam miżmum u jirritorna l-pussess effettiv tal-injam maqbud, baqa' inadempjenti.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża

l-istess attriċi għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li s-Soċjeta' Rikorrenti segwiet l-proċess minnha mistenni (red release) meta pproċediet sabiex titlob ir-rilaxx ta' 24,276 metru kubiku tal-injam teak;

2. Tikkonferma li s-Soċjeta' Rikorrenti xtrat il-merkanzija mertu tal-proċeduri odjerni minghand s-soċjeta' Taljana TWB Solutions s.r.l;

3. Tiddikjara li x-xiri tal-merkanzija mingħand s-soċjeta' National Wood Industry Limited sar meta l-istess soċjeta' ma kienitx kolpita bl-ebda sanzjoni internazzjonali;

4. Tiddikjara għalhekk li l-konfiska u ż-żamma ta' sebgħa (7) bundles teak planks konsistenti f' mitejn u erbghin (240) biċċa, proprjeta' tas-Soċjeta' Rikorrenti mill-Kummissarju Intimat huwa ingust, arbitrarju u sar mingħajr ebda bażi legali;

5. Tiddikjara li l-Kummissarju Intimat ma ssewgiex il-proċeduri sabiex fil-pussess tiegħu għad għandu l-merkanzija mertu ta' dawn il-proċeduri, liema merkanzija tappartieni lil u ġiet konfiskata mis-Soċjeta' Rikorrenti;

6. Tiddikjara d-detenzjoni tal-istess merkanzija sar u huwa in vjolazzjoni tal-Liġi ;

7. Tordna lill-Kummissarju Intimat jirrilaxxa l-injam li jappartjeni lis-Soċjeta' Rikorrenti li ġie sekwestrat mid-Dipartiment ta' Dwana u li jinsab fil-pussess tiegħu, senjatament sebgħa (7) bundles teak planks konsistenti f'mitejn u erbgħin (240) biċċa, a favur tas-Soċjeta' Rikorrenti, u dana b'mod spedjanti, fi żmien qasir u perentorju;

8. Tordna, fl-eventwalita' li jiġi determinat li l-injam mertu tal-proċeduri odjerni, fil- mument tar-rilaxx ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, intilef, insteraq u/jew sarlu l- ħsara u/jew ma jkunx tal-kwalita' li jinbigh fuq is-suq minħabba l-perkors ta' żmien jew minħabba l-ambjent u/jew l-kundizzjonijiet li l-Kummissarju Intimat żamm l- injam maħżun fihom jew għal xi raġuni oħra, u/jew jekk l-injam miżmum tilef il- valur, in parti jew kollu, tiegħu, u/jew fl-eventwalita' li l-injam ġie ġja mibjugh jew distrutt, il-Kummissarju Intimat għandu jindennizza lis-Soċjeta' Rikorrenti l-valur tal-istess merkanzija:

9. Tiddikjara li l-Kummissarju Intimat tat-Taxxa u d-Dwana responsabbli għad-danni kollha kkawżati u sofferti lis-Soċjeta' Rikorrenti bħala konsegwenza taż-żamma tal-injam mertu ta' dawn il-proċeduri u l-aġir tal-istess Intimat;

> 10. Tillikwida d-danni sofferti mis-Soċjeta' Rikorrenti riżultat tal-aġi tal- Kummissarju Intimat u/jew tad-Dipartiment tad-Dwana;
>
> 11. Tikkundanna u tordna lill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jħallas lis-Soċjeta' Rikorrenti d-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, fi żmien qasir u perentorju;
>
> Bl-ispejjeż, inkluż dawk relatati mal-ittri uffiċjali u protesti preżentati, u interessi legali, kontra l-Kummissarju Intimat li minn issa nġunt in subizzjoni.

2. Rat li fl-10 ta' Mejju 2024 il-konvenut ikkontesta t-talbiet tal-attriċi b'risposta ġuramentata li permezz tagħha issolleva dawn l-eċċezzjonijiet[1]:

> EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI
>
> 1. Illi l-esponent Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana m'huwiex il-leġittimu kuntradittur sa fejn it-talbiet attriċi jikkonċernaw ż-żamma tal-injam, it-talba għar- rilaxx, u t-talba għal-likwidazzjoni ta' danni ġjaladarba l-esponent huwa biss strument li permezz tiegħu qed jitħaddem l-Artikolu 17 tal-Kap. 365 tal-Liġijiet ta' Malta. Mingħajr direzzjoni tal-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet l-esponent ma jistax minn jheddu jerħi l-oġġetti sekwestrati;
>
> 2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk kif tidher tinsisti l-kumpanija attriċi f'paragrafi 14 u 15 tar-rikors gurament tagħha kellha tapplika l-proċedura taħt l-**Artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta** għaż-żamma tal-injam, ifisser li <u>kellha wkoll tapplika l-proċedura ta' kontestazzjoni taħt l-istess Artikolu tal-Liġi</u>, liema Artikolu jimponi terminu perentorju u ta' dekadenza ta' tletin (30) jum mill- qbid sabiex jintalbu lura l-oġġetti u sussegwentement ikunu intavolati proċeduri fil-Qorti fi żmien perentorju u ta' dekadenza ta' tletin (30) jum. Fiċ-ċirkostanzi, jekk kif tallega l-kumpannija attriċi kellha tapplika l-proċedura taħt l-Ordinanza tad-Dwana, ġajaldarba ż-żamma saret bil-konsapevolezza tas-sid, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li tinħareġ nota ta' qbid sabiex jiskatta t-terminu ta' kontestazzjoni (a differenza ta' kif tassumi l-kumpannija rikorrenti), u dan kif kien jgħid l-**Artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta** dakinhar taż-żamma. Dan ifisser ukoll li l-kumpannija attriċi ġjaladarba tgħid li kellha tapplika l-Ordinanza tad-Dwana, ma setgħetx tinqeda bil-proċeduri odjerni ġjaladarba hija <u>kellha rimedju taħt liġi speċjali sabiex tattakka l-qbid</u>, oltre li skont l-Artikolu 72 tal- Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta l-proċeduri għandhom jitniedu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni

---

[1] Fol.81.

Amministrattiva, u b'hekk tinħoloq ukoll kwistjoni ta' kompetenza *ratione materiae*;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għalkemm il- kumpannija attriċi ma tiddikjarax x'tip ta' azzjoni qed tniedi u b'hekk jinħoloq element ta' nebolożita', minn ħarsa lejn it-talbiet attriċi, dak li effettivament qiegħda tippretendi l-kumpannija attriċi minn din l-Onorabbli Qorti hija li jkun hemm stħarriġ ġudizzjarju tal-egħmil amministrattiv tal-esponent in kwantu sekwestru tal-injam in kwistjoni u r-rifjut li jirritorna lura l-istess injam. It-talbiet attriċi (għalkemm mhux dikjarati tali) għandhom l-elementi kollha ta' azzjoni msejsa taħt l-**Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12**, ġjaladarba din l-Onorabbli Qorti qed tintalab sabiex tiddikjara li ż-żamma tal-injam "huwa ingust, arbitrarju u sar mingħajr ebda bażi legali", li "l-Kummissarju intimat ma segwiex il-proċeduri sabiex fil-pussess tiegħu għad għandu l-merkanzija mertu ta' dawn il-proċeduri", u li "d-detenzjoni tal-istess merkanzija sar u huwa in vjolazzjoni tal-Liġi". Apparti minn hekk, il-kumpannija attrici qed tagħmel ukoll talba għal-likwidazzjoni ta' danni;
Dan kollu jfisser li l-azzjoni attriċi, minħabba li hija effettivament azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu japplika għaliha t-terminu perentorju u ta' dekadenza ta' sitt (6) xhur misjub fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12;
L-esponent nhar it-13 ta' Lulju, 2022, kkomunika mal-kumpannija attriċi li l-merkanzija kellha tingabar. Nhar l-20 ta' Lulju, 2022, il-merkanzija li kien għad fadal effettivament inġabret. Permezz ta' protest tas-17 ta' Marzu, 2023, liema protest ġie notifikat lill-esponent nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu, 2023, il- kumpannija attriċi formalment talbet ir-rilaxx tal-injam sekwestrat. Skont dak imfisser fis-**subartikolu (2) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12**, "meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira". Dan ifisser li s-sitt (6) xhur imsemmija aktar 'il fuq bdew jiddekorru mit-23 ta' Ġunju, 2023 (xahrejn min notifika), b'dan li l-kumpannija attriċi kellha se mai tressaq l-azzjoni odjerna sat- 23 ta' Diċembru, 2023;
Għalhekk għandu jirriżulta li l-azzjoni attriċi ġiet intavolata lil hinn mit-terminu perentorju u ta' dekadenza ta' sitt (6) xhur kif stabbilit fl-**Artikolu 469A(3) tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, b'dan li l-azzjoni odjerna għandha tkun dikjarata bħala tali.

EĊĊEZZJONIJIET FIL-MERTU

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, anke jekk għall-grazzja tal-argument biss din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-azzjoni

odjerna mhix waħda li taqa' taħt l-**Artikolu 469A tal-Kap. 12**, l-esponenti qiegħed jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha tal-kumpannija attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, b'dan li t-talbiet kollha attrici għandhom ikunu miċħuda, u dan għar-raġunijiet li ġejjin u li qed jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin;

5. Illi ġjaladarba l-injam in kwistjoni huwa milqut bl-**Artikolu 17 tal-Kap. 365 tal- Liġijiet ta' Malta**, dan ifisser li fuq l-injam in kwistjoni hemm ordni ta' ffriżar bis- saħħa tal-liġi, u l-liġi stess tesiġi b'mod tassattiv li l-oġġetti għandhom jiġu sekwestrati. Għalhekk tgħid ħażin il-kumpannija attriċi li fiċ-ċirkostanzi odjerni l- esponent "ma segwiex il-proċeduri sabiex fil-pussess tiegħu għad għandu l- merkanzija mertu ta' dawn il-proċeduri", ġjaladarba ż-żamma ta' dan l-injam ma seħħitx bl-opra tal-Ordinanza tad-Dwana kif jidher tinsinwa l-kumpannija attriċi. <u>Anke jekk jirriżulta li l-esponent kellu jadotta l-proċedura ta' qbid misjuba fl-Ordinanza tad-Dwana, xorta waħda ma seħħ xejn irregolari</u> kif se jkun spjegat aħjar fil-kors tal-azzjoni odjerna;

6. Illi magħdud ma' dan, ġjaladarba l-injam m'huwiex jinżamm bil-proċedura tal- qbid doganali ai termini tal-**Artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma hemm l-ebda ħtieġa li tinħareġ nota ta' qbid. Dan aktar u aktar meta l-injam m'huwiex maqbud f'termini doganali, iżda huwa kolpit b'ordni ta' ffriżar. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li tgħid il-kumpannija attriċi, ma kienx hemm obbligu fuq l-esponent li joħroġ nota ta' qbid fi żmien disgħin (90) jum tax-xogħol miż-żamma tal-oġġetti, u fin-nuqqas, l-oġġetti kellhom ikunu rilaxxjati;

7. Illi subordinatament, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u għall-grazzja tal- argument biss, anke f'każ li l-Ordinanza tad-Dwana hija applikabbli għaż-żamma tal-oġġetti, fi żmien iż-żamma, ossia f'Lulju, 2022, l-**Artikolu 72 tal-Kap. 37 tal- Liġijiet ta' Malta** filwaqt li kien isemmi d-disgħin (90) jum tax-xogħol sabiex tinħareġ nota ta' qbid mill-mument tal-qbid, kien madanakollu jeżonera lill-esponent milli joħroġ l-imsemmija nota ta' qbid meta dan "isir quddiem il-ħati jew is-sid ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza". Għalhekk l-esponent ma kellu l-ebda obbligu li joħroġ l-imsemmija nota ta' qbid u ma vjola l-ebda liġi fil-qadi ta' dmirijietu;

8. Illi sfiq ma' dan u fi kwalunkwe każ, fi żmien iż-żamma l-**Artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta** ma kien jimponi l-ebda obbligu ta' rilaxx f'każ li ma tinħariġx nota ta' qbid f'disgħin (90) jum tax-xogħol minn meta jsir il-qbid. L-**Artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta** ġie emendat bil-mod li tirreferi għalih il- kumpannija attriċi f'paragrafu 15 tar-rikors gurament tagħha biss permezz tal- **Att XII tal-2023** nhar l-erba' (4) t'April, 2023, ferm wara ż-żamma tal-oġġetti in kwistjoni;

9. Illi dwar l-ewwel talba attriċi, jekk segwiet jew ma segwietx il-proċess minnha mistenni meta pproċediet sabiex titlob ir-rilaxx tal-injam fl-istadju ta' importazzjoni ma jbiddel xejn mill-fatt li hemm miżuri restrittivi fuq l-injam provenjenti mill-Mjanmar. L-ordni ta' ffrizar isseħħ bis-saħħa tal-liġi stess, u anke jekk għall-grazzja tal-argument fl-istadju ta' rilaxx l-uffiċjali tad-Dwana ma ntebħux bil-miżuri restrittivi in kwistjoni, ma jfissirx li dawn l-oġġetti għandhom jitħallew in ċirkolazzjoni sempliċiment għaliex ġew rilaxxjati;

10. Illi dwar it-tieni talba, huma mmaterjali jekk il-kumpannija attriċi xtratx direttament jew indirettament mill-Mjanmar. Dan għaliex l-ordni t'iffriżar tapplika għal proprjeta' li ġejja direttament jew indirettament minn persuni elenkati jew entitajiet elenkati;

11. Illi dwar it-tielet talba, il-mument li l-injam ġie esportat mill-Mjanmar direzzjoni lejn Malta, l-miżuri restrittivi kienu diġa' fis-seħħ;

12. Illi dwar ir-raba', l-ħames, is-sitt, u s-seba' talbiet, l-esponent issekwestra l-injam in kwistjoni fuq bażi legali u segwa l-proċedura appożita (anke jekk għall-grazzja tal-argument kellha tapplika l-Ordinanza kif tinsisti l-kumpannija attriċi). L- esponent m'huwiex l-awtorita' kompetenti sabiex jiddeċiedi jekk l-injam għandux jiġi rilaxxjat o meno ġjaladarba din id-direzzjoni tispetta lill-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet;

13. Illi jekk kif tgħid il-kumpannija attriċi kellha tapplika l-proċedura taħt l-Ordinanza tad-Dwana, in vista tat-tmien (8) talba tal-kumpannija attriċi, l-Ordinanza tad- Dwana stess ai termini tal-**Artikolu 74** tgħid kif għandu jingħata kumpens għal oġġett li ma jkunx soġġett għall-konfiska. Dan l-Artikolu jixhet f'ħoġor il-Qorti Magistrati l-kompitu li tiddetermina l-valur f'każ li ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-valur tal-oġġetti. Dan ifisser li t-tmien (8) talba teżorbita l-limiti tal-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

14. Illi dwar it-talbiet għal sejbien ta' responsabbilta u likwidazzjoni ta' danni, l- esponent jisħaq li skont l-**Artikolu 12 tal-Kap. 365 tal-Liġijiet ta' Malta**, "ebda responsabbiltà, sew kriminali sew civili, ma għandha tinkombi fuq xi membru tal-Bord għal xi azzjoni, jew nuqqas ta'azzjoni, li ssir bona fide fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet jew fl-allegat eżerċizzju ta' kwalunkwe funzjoni bħala membru ta' dak il-Bord";

15. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk għall- grazzja tal-argument biss il-kumpannija attriċi tassew sofriet xi danni, l-esponent dejjem mexa skont il-liġi, b'ħarsien tal-obbligu tiegħu anke bħala rappreżentant fuq il-Bord ta' Sorveljanza fuq

> Sanzjonijiet, u kien raġjonevoli u in buona fede fl- operat tiegħu mill-bidu sal-aħħar. Dan ifisser li l-ebda responsabbilta` ma tista' tkun attribwita fuq l-esponent. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe allegazzjoni għandha tkun pruvata skont il-liġi;
>
> 16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.
>
> Għaldaqstant, in vista tal-eċċezzjonijiet suesposti, l-esponent bir-rispett jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiċħad it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija attriċi.

3. Rat li fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2024[2], il-Qorti ordnat li qabel xejn għandhom jiġu trattati u deċiżi l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut;

4. Semgħet ix-xhieda prodotti mill-kontendenti;

5. Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija kawża li l-attriċi qed tagħmel sabiex tikseb mingħand il-konvenut il-kunsinna ta' merkanzija li tinsab miżmuma minnu, peress li dik iż-żamma hija «inġusta, arbitrarja u saret mingħajr ebda bażi legali». Minħabba li l-konvenut laqa' għat-talbiet tagħha b'għadd ta' eċċezzjonijiet li huma preliminari min-natura tagħhom, il-Qorti ordnat li qabel xejn jiġu trattati u deċiżi dawn l-istess eċċezzjonijiet.

9. Din is-sentenza għalhekk qed tingħata biss dwar **l-ewwel tliet eċċezzjonijiet** tal-konvenut.

---
[2] Fol.80.

10. Xieraq li qabel xejn jiġu riassunti l-fatti li huma rilevanti għal dawn l-eċċezzjonijiet:

- l-attriċi timporta l-injam bl-iskop li tbiegħu mill-ġdid fis-suq lokali;

- fil-15 ta' Novembru 2021, l-attriċi xtrat kunsinna ta' njam partikolari mingħand kumpanija Taljana[3]. Din il-kunsinna waslet Malta u d-Dipartiment tad-Dwana, wara li spezzjona l-kunsinna u d-dokumenti relattivi[4], irrilaxxa din il-merkanzija lill-attriċi[5] li ġabritha u ħadet kustodja tagħha. Irriżulta li qabel ir-rilaxx kienet ġiet imposta multa fuq l-attriċi b'rabta mal-valur dikjarat tal-kunsinna[6];

- xi jiem wara u ċjoè fit-13 ta' Lulju 2022, uffiċċjali tad-Dwana kellmu direttament[7] lid-direttur tal-attriċi, James Camilleri, fis-sens li nfurmawh li l-kunsinna ta' materjal in kwistjoni ma kellhiex tiġi rilaxxata minħabba sanzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea[8];

- l-attriċi ftehmet mad-Dipartiment tad-Dwana li l-merkanzija li ma kinitx laħqet inbigħet, setgħet tinġabar lura u hekk ġara fl-20 ta' Lulju 2022, meta l-merkanzija ingħatat lura lid-Dwana[9]. L-attriċi ikkunsinnat lura din il-merkanzija taħt protesta[10];

- fil-25 ta' Lulju 2022[11], intbagħtet ittra elettronika minn uffiċċjal tad-Dwana lil James Camilleri, id-direttur tal-attriċi, li permezz tagħha saret riferenza għas-sanzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea[12], u ingħad illi «*In view of the above-mentioned restrictive measures, please note that the shipment*

[3] Fol.8.
[4] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Alan Mamo, a fol.114.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alan Mamo, a fol.101.
[6] Ara x-xiehda ta' Dr Peter Fenech, a tergo ta' fol.142.
[7] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Patrick Cutajar, a fol.126.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alan Mamo, a fol.101.
[9] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Patrick Cutajar, a fol.110, kif ukoll ix-xiehda ta' James Camilleri, a fol.139.
[10] Fol.21.
[11] Fol.23-24.
[12] Dawn huma ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/998 tal-21 ta' Gunju 2021 u Regolament ta' Implimentazzjoni Numru 401/2013 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni ġewwa Myanmar/Burma, u kif ukoll d-Deċiżjoni tal- Kunsill 2021/1000 (CFSP) tal-21 ta' Ġunju 2021.

*relating to Customs declaration LRN2022604779413 **has not been released**. Therefore, **ALL** items related to this shipment that are already on your premises and/or delivered to third parties should be returned to Customes without further delay*»;

- jidher li l-injam in kwistjoni kien inkiseb mill-kumpanija Taljana, li mingħandha mbagħad xtrat l-attriċi, mingħand entità sanzjonata mill-Unjoni Ewropea. L-attriċi tgħid li l-kumpanija Taljana kisbet l-injam in kwistjoni qabel id-dħul fis-seħħ tas-sanzjonijiet in kwistjoni, filwaqt li l-konvenut jgħid li l-miżuri ristrettivi kienu fis-seħħ fil-mument li l-injam ġie esportat mill-Myanmar lejn Malta[13], però dan mhux tant rilevanti għall-għanijiet ta' din is-sentenza;

- il-konvenut jgħid li l-injam inżamm mhux minħabba nuqqas doganali[14] iżda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 365 tal-liġijiet ta' Malta[15]. Sostna li l-Bord ta' Sorveljanza ta' Sanzjonijiet saħaq miegħu li qabel jitneħħew il-miżuri ristrettivi, l-injam ma jistax jiġi rilaxxat[16], u li f'dan il-każ ma nħarġet ebda nota ta' qbid[17];

- eventwalment b'avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 t'Ottubru 2022, ġew imħabbra s-sanzjonijiet komunitarji in kwistjoni[18];

- kien hemm skambju ta' korrispondenza elettronika bejn l-avukati tal-attriċi u d-Dwana, fejn intalab tagħrif dwar meta sar il-ħlas mill-attriċi lill-venditur tagħha, u minn dak il-venditur lill-kumpannija fil-Myanmar[19]. Għalkemm ġie provdut it-tagħrif u d-dokumentazzjoni dwar il-ħlas magħmul mill-attriċi, it-tagħrif l-ieħor ma setax jinstab[20];

[13] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alan Mamo, a fol.102.
[14] Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Patrick Cutajar, a fol.110.
[15] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alan Mamo, a fol.102.
[16] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alan Mamo, a fol.102.
[17] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Alan Mamo, a fol.119.
[18] Fol.72-73.
[19] Fol.144-147.
[20] Fol.154.

- fis-17 ta' Marzu 2023, l-attriċi ressqet protest ġudizzjarju bin-numru 197/2023 kontra d-Direttur Ġenerali (Dwana) għar-rilaxx tal-merkanzija[21]. fl-24 ta' Novembru 2023, l-attriċi interpellat lid-Direttur Ġenerali (Dwana) għar-rilaxxa tal-merkanzija permezz ta' ittra uffiċċjali bin-numru 5020/2023[22]. Interpellazzjoni ulterjuri saret ukoll fl-14 ta' Frar 2024 bl-ittra uffiċċjali bin-numru 660/2024[23]. Billi l-merkanzija baqgħet miżmuma mill-konvenut, fis-26 ta' Marzu 2024 saret din il-kawża.

11. Kif ingħad, f'dan l-istadju l-Qorti sejra tiddeċiedi biss l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenut, li fil-qosor jgħidu hekk: (i) li huwa m'huwiex il-leġittimu kuntradittur la darba fir-rigward taż-żamma tal-materjal in kwistjoni, qiegħed jaġixxi fit-termini tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 365 tal-liġijiet ta' Malta u mingħajr id-direzzjoni tal-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet, ma jistax jitlaq dan il-materjal; (ii) li t-talba tal-attriċi għar-rilaxx tal-materjal, jekk titqies li saret taħt il-liġijiet doganali mhux biss hija tardiva iżda wkoll ma tistax titqies minn din il-Qorti *rationae materiae*; u (iii) li t-talba tal-attriċi għar-rilaxx tal-materjal, jekk ma saritx taħt il-liġi doganali għandha titqies li tistieden stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, u għalhekk ukoll hija perenta.

12. Il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma tgħaddi biex tqis l-eċċezzjonijiet innifishom, għandha tikkonsidra u tiddetermina x'inhi n-natura tal-azzjoni tal-attriċi, għaliex minn din id-determinazzjoni mbagħad jiddependi l-eżitu tal-eċċezzjonijiet li se jiġu deċiżi f'din is-sentenza.

13. Huwa prinċipju konsistentement applikat f'ġurisprudenza sekolari li n-natura jew il-karattru ta' azzjoni għandhom jirriżultaw mit-termini użati fl-att promotur tal-kawża sabiex jintlaħaq l-iskop tal-azzjoni nnifisha. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Giuseppe Cachia vs. Mary Deguara et*** (Prim'Awla, 8 ta' Jannar 1957)[24]: «*Illi l-karattru ta' l-azzjoni ma jistax jiġi deżunt mill-kliem, bejn wieħed u ieħor eżatt, użati fl-att promotorju tal-ġudizzju, imma prinċipalment u unikament mill-iskop li*

[21] Fol.92.
[22] Fol.74.
[23] Fol.75.
[24] Kollezz. Vol.XLI.ii.816.

*għalieh ikun jimmira bl-istess ġudizzju, li huwa l-veru oġġett tat-talba…*». In-natura tal-azzjoni għalhekk ma tiddependix minn dikjarazzjonijiet li jistgħu isiru mill-attur, la fl-att promotur u wisq inqas fil-mori tal-kawża (ara f'dan is-sens ***Vincent Ciappara et vs. Nazzareno sive Reno Bartolo et***, Appell Superjuri, 15 ta' Novembru 2023).

14. Issa fl-att promotur ta' din il-kawża, l-attriċi resqet bosta talbiet. Hija trid li l-Qorti tiddikjara li ma kienx hemm nuqqasijiet min-naħa tagħha fl-importazzjoni tal-materjal in kwistjoni, kif ukoll trid tikseb ir-rilaxx tal-merkanzija u r-riżarċiment tad-danni mingħand il-konvenut. Iżda fil-fehma tal-Qorti, it-talbiet li b'mod predominanti jfissru l-iskop tal-azzjoni tal-attriċi huma dawk li bihom l-attriċi trid lil din il-Qorti issib li ż-żamma tal-merkanzija mill-konvenut saret b'mod «*inġust, arbitrarju u sar mingħajr ebda bażi legali*», kif ukoll li l-konvenut «*ma segwix il-proċeduri*» u li għalhekk id-detenzjoni tal-merkanzija hija «*in vjolazzjoni tal-liġi*». Fuq kollox, dawn huma it-talbiet prinċipali fl-azzjoni dedotta mill-attriċi, tant li kull talba oħra hija sussidjarja u dipendenti minn dawn it-talbiet. Jekk il-Qorti ssib li ż-żamma tal-merkanzija mill-konvenut hija skont il-liġi, isegwi li din ma tistax tkun abbużiva u b'hekk ifallu kemm it-talbiet għar-rilaxx tal-merkanzija u kemm it-talbiet għar-riżarċiment tad-danni.

15. Huwa biss loġiku li biex il-Qorti tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar jekk l-għemil tal-konvenut huwiex «*inġust, arbitrarju u sar mingħajr ebda bażi legali*», dwar jekk l-istess għemil huwiex «*in vjolazzjoni tal-liġi*» u jekk il-konvenut «*segwix il-proċeduri*», il-Qorti trid twettaq eżerċizzju ta' stħarriġ tal-għemil tal-konvenut. Tqum il-mistoqsija dwar jekk dak l-għemil jistax jitqies wieħed «amministrattiv» jew le.

16. Fil-fehma tal-Qorti, kull għemil imwettaq minn entità fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika in diżimpenn tal-funzjonijiet u tal-mansjonijiet affidati mil-liġi lil dik l-entità għandu jitqies, <u>b'mod ġenerali</u>, bħala għemil amministrattiv. Ġie spjegat illi:

> The term "administrative" is capable of bearing a wide range of meanings, some of which are remote from the

> problems raised by the classification of statutory functions. In such phrases as "administrative law", "administrative tribunal" and "judicial review of administrative action" it refers to broad areas of government activity in which the repositories of power may exercise every class of statutory function.[25]

17. L-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jispjega illi:

> "egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità

18. M'hemmx dubju li ż-żamma tal-merkanzija mill-konvenut saret b'rabta mal-mansjonijiet u mal-funzjonijiet affidati lilu mil-liġi – jekk dawk il-mansjonijiet u funzjonijiet ġewx eżerċitati kif imiss hija kwistjoni oħra. Jibqa' l-fatt però li meta l-attriċi titlob lill-Qorti biex tiddeċiedi li l-konvenut mexa b'mod li huwa kuntrarju għal-liġi, hija trid li l-Qorti tistħarreġ għemil tal-konvenut li huwa «amministrattiv» min-natura tiegħu, u dak huwa l-qofol tan-natura tal-azzjoni eżerċitata mill-attriċi.

19. Naturalment il-Qorti għad trid tara jekk dak l-istħarriġ għandux isir abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A, preċitat, jew inkella skont xi liġi speċjali li tidderoga mill-effetti ġenerali tal-artikolu 469A, kif jipprovdi r-raba' subinċiż tiegħu.

20. Stabbilit għalhekk il-karattru tal-azzjoni tal-attriċi, il-Qorti sejra issa tqis l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut.

Ikkunsidrat:

21. Illi **<u>bl-ewwel eċċezzjoni</u>**, il-konvenut isostni li huwa mhux leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi.

22. Din l-eċċezzjoni hija infondata.

[25] ***De Smith's Judicial Review*** (Thomson - Sweet & Maxwell, 6th Edition), §B-009.

23. Jitqies li huwa leġittimu kontradittur f'kawża kull min għandu l-interess ġuridiku li jikkontradixxi dak li qed jintalab mingħand il-Qorti. Kif tajjeb intqal fid-deċiżjoni ***Focal Maritime Services Company Limited vs. Top Hat Company Limited*** (Appell Inferjuri, 9 t'April 2008):

> In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, *ope successionis* jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b' konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. Naturalment, l-aċċertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bażi tal-*petitum* u, ċjoe, tar-riżultat persegwit fil-ġudizzju mill-attur bit-talba tiegħu

24. Kif diġà rajna, l-attriċi ressqet it-talbiet tagħha abbażi tal-premessa ewlenija li l-konvenut qed jikser il-liġi billi jżomm għandu l-merkanzija tagħha, u għalhekk trid mingħandu id-danni kif ukoll ir-rilaxx ta' dik il-merkanzija. Huwa ovvju għalhekk li l-konvenut ma jistax ħlief ikun il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni.

25. Ir-raġuni miġjuba mill-konvenut in ġustifikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni hija li ż-żamma tal-merkanzija qed issir minnu skont direttivi li huwa għandu mingħand entità pubblika oħra, u li qabel jingħata direttivi mod'ieħor mingħand dik l-entità, ma jistax jitlaq il-merkanzija in kwistjoni minn taħt idejh. Din ir-raġuni però hija waħda li tinċidi fuq il-mertu tal-azzjoni, u ċjoè tista' tkun rilevanti għad-deċiżjoni dwar jekk il-konvenut hux qed jaġixxi skont il-liġi jew le (ara f'dan is-sens ***Garden of Eden Garage Limited vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta,*** Prim'Awla, 29 ta' Settembru 2011[26]). Ma tasalx iżda biex tneħħi mill-konvenut l-interess li jwieġeb u jikkontesta t-talbiet tal-attriċi, u huwa dak l-interess li proprju jlibbes lill-konvenut il-libsa tal-leġittimu kontradittur.

26. Din l-ewwel eċċezzjoni għalhekk hija miċħuda.

[26] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2012.

Ikkunsidrat:

27. Niġu għat-**tieni eċċezzjoni**, u ċjoè dik li ssostni li l-azzjoni għar-rilaxx tal-merkanzija, sa fejn saret taħt il-liġi doganali, hija perenta u lanqas tista' titqies minn din il-Qorti *rationae materiae*.

28. Huwa minnu li l-liġi doganali taħseb għal azzjoni speċifika li taħtha persuna li tinżammilha merkanzija importata mill-awtorità pubblika responsabbli mid-dwana tista' titlob il-ħelsien ta' dik il-merkanzija. Din l-azzjoni, kif jgħid il-konvenut, hija kontemplata fl-artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana[27]. Miż-żmien li nżammet il-merkanzija in kwistjoni, din id-dispożizzjoni kienet emendata bl-Att VII tal-2022 u eventwalment sostitwita bl-Att XII tal-2023. Qabel l-imsemmija emendi, it-tieni subinċiż ta' dik id-dispożizzjoni kien jaqra hekk:

> Il-ħwejjeġ maqbuda taħt din l-Ordinanza jitqiesu ikkonfiskati bis-saħħa tal-liġi stess u jistgħu jinbiegħu jew jista' jsir bihom xort'oħra, kif jordna l-Ministru responsabbli għad-dwana, kemm-il darba dak li mingħandu l-ħaġa tkun ġiet maqbuda, jew sidha, jew xi ħadd awtorizzat minnu, fi żmien tletin ġurnata mill-qbid, ma jagħtix avviż bil-miktub lill-Kummissarju, li hu jitlob lura l-ħwejjeġ hekk maqbuda jew li bi ħsiebu jitlobhom lura; f'dan il-każ il-persuna li titlob lura l-ħwejjeġ maqbuda għandha, fi żmien tletin ġurnata minn dak l-avviż, tibda l-proċediment meħtieġ quddiem il-qorti ċivili kompetenti, u, fin-nuqqas ta' dan il-jedd fuq din il-ħaġa jitqies li ġie mitluq.

29. Din id-dispożizzjoni għalhekk kienet tagħti jedd lill-persuna li mingħandha jinqabad xi oġġett jew mis-sid ta' dak l-oġġett li, fi żmien tletin jum mill-qbid, jagħti avviż bil-miktub lill-konvenut li bih jitlob lura l-oġġett maqbud, u mbagħad fi żmien tletin jum ieħor minn dak l-avviż jibda l-proċeduri għall-ħelsien tal-oġġett maqbud.

30. Huwa paċifiku li fl-ebda ħin ma nħarġet nota ta' qbid fil-konfront tal-merkanzija in kwistjoni. Il-konvenut iżda jgħid li n-nota ta' qbid mhux meħtieġa fejn il-qbid isir fil-preżenza tas-sid, u waqt it-trattazzjoni id-difensur tal-konvenut irrifera

[27] Kapitolu 37 tal-liġijiet ta' Malta.

għal xi deċiżjonijiet tal-Qrati li jżommu dan il-prinċipju. Hekk, per eżempju, fid-deċiżjoni ***Michael Zammit et pro et noe vs. Il-Kontrollur tad-Dwana*** (Appell Superjuri, 22 t'Ottubru 2024) intqal:

> Għalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-qbid tal-oġġetti mobbli msemmija effettivament sar, u sar fil-preżenza tal-atturi Michael Zammit u Anthony Zammit, it-tnejn diretturi tas-soċjetá attriċi, u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li tinħareġ in-nota, anke jekk din fil-fatt inħarġet. Inċidentalment, jirriżulta li dakinhar li saret l-ispezzjoni ingħatat verbalment lil Michael Zammit ir-raġuni l-għala kien qiegħed isir il-qbid, u dan jissodisfa l-vot tal-liġi.

31. Fl-istess sens ukoll hija d-deċiżjoni ***Pierre Darmanin vs. Kontrollur tad-Dwana et*** (Appell Superjuri, 26 t'Ottubru 2022). Għalhekk jidher li għandu raġun il-konvenut meta jgħid li l-fatt li ma nħarġitx nota ta' qbid m'huwiex determinanti għall-kwistjoni dwar jekk l-attriċi kellhiex tipproċedi skont l-artikolu 72 tal-Ordinanza preċitata.

32. Fir-rikors ġuramentat tagħha l-attriċi tikkonċedi li l-oġġetti ġew elevati mill-imħażen tagħha stess[28], u kwindi fil-preżenza tagħha. Il-provi, min-naħa l-oħra, juru li kienet l-attriċi li ħadet il-merkanzija in kwistjoni lura lid-Dwana[29]. F'kull każ, huwa fatt li l-qbid sar fil-preżenza tal-attriċi stess, u għalhekk skont il-liġi applikabbli fiż-żmien tal-qbid, kif imfissra fil-ġurisprudenza ċitata aktar kmieni, ma kienx neċessarju li tinħareġ nota ta' qbid bil-miktub. F'kull każ wara ż-żamma fiżika tal-oġġetti, il-konvenut bagħat avviż bil-miktub lill-attriċi dwar ir-raġuni għaż-żamma tal-oġgetti.

33. L-ewwel kliem adoperat fl-artikolu 72(2) tal-Ordinanza juri li l-azzjoni in kwistjoni hija applikabbli fil-każ ta' «*[Il-]ħwejjeġ maqbuda taħt din l-Ordinanza…*». Issa mill-provi irriżulta b'mod ċar li ż-żamma tal-oġġetti in kwistjoni mhux konsegwenza ta' xi vjolazzjoni ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza. Fl-ittra elettronika mibgħuta lill-attriċi fil-25 ta' Lulju 2022[30], jingħad ċar u tond li ż-żamma tal-merkanzija qed issir a tenur ta' miżuri restrittivi ordnati mill-

[28] Ara s-sitt paragrafu tar-rikors ġuramentat.
[29] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Patrick Cutajar, a fol.110, u x-xiehda ta' James Camilleri, a tergo ta' fol.138.
[30] Fol.23.

istituzzjonijiet komunitarji, u fir-risposta ġuramentata tiegħu il-konvenut kompla jiddikjara li ż-żamma qed issir bit-tħaddim tal-artikolu 17 tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali[31].

34. Iżda l-artikolu 6(5)(a) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali jgħid hekk:

> Meta oġġett li l-esportazzjoni, it-tranżitu jew it-trasbord tiegħu jkunu kuntrarji għall-miżuri restrittivi fis-seħħ, dak l-oġġett għandu jkun konfiskat skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana dwar il-konfiska ta' oġġetti pprojbiti u ta' oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi limitata, inkluż skont id-dispożizzjonijiet marbuta mat-talba lura tal-oġġetti maqbuda fl-istess Ordinanza. Tali konfiska għandha ssir wara r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

35. Din id-dispożizzjoni tgħid għalhekk illi fejn l-oġġett importat jinżamm minħabba li dik l-importazzjoni tkun kuntrarja għall-miżura restrittiva, dan l-oġġett għandu jiġi konfiskat **<u>skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana</u>**. Tgħid ukoll b'mod speċifiku li huma applikabbli «*id-dispożizzjonijiet marbuta mat-talba lura tal-oġġetti maqbuda fl-istess Ordinanza*». **Dan għalhekk ifisser li l-attriċi kellha tassew għad-dispożizzjoni tagħha l-azzjoni maħsuba fl-artikolu 72(2) tal-Ordinanza sabiex titlob lura l-oġġetti miżmuma**.

36. Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din l-eċċezzjoni, u waslet għall-konklużjoni li minkejja r-riljevi magħmula permezz tal-paragrafi preċedenti, din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

37. Il-Qorti qed iżżomm quddiem għajnejha li f'kull każ fejn tiġi eċċepita l-preskrizzjoni jew il-perenzjoni tal-azzjoni, l-ewwel eżerċizzju li għandu jsir huwa dwar jekk it-terminu eċċepit huwiex applikabbli għall-azzjoni dedotta quddiemha (ara per eżempju ***Leonard Cutajar et vs. Awtorità tal-Ippjanar,*** Appell Superjuri, 24 ta' Marzu 2025). U hija regola komuni għal kull każ li fih tiġi sollevata eċċezzjoni bħal dik li teżiġi li l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni tal-attur tiddependi mit-termini u min-natura tal-azzjoni nnifisha, irrispettivament

[31] Kapitolu 365 tal-liġijiet ta' Malta.

minn dak li jista' jirriżulta mill-provi matul il-kors tas-smigħ tal-kawża (ara f'dan is-sens ***Lorry sive Lawrence Cuschieri vs. L-Onor. Ministru tal-Ambjent et***, Appell Superjuri, 25 ta' Frar 2005; ***Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma vs. Oil and Construction International Limited***, Appell Inferjuri, 28 t'April 2004; ***Peter Montebello vs. Peter Montebello et***, Prim'Awla, 25 ta' Settembru 2003).

38. Issa l-azzjoni dedotta mill-attriċi – tajjeb jew ħażin – m'hijiex l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana. U la m'hijiex dik l-azzjoni, mela allura l-preskrizzjoni hemmhekk eċċepita mhux applikabbli.

39. Il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni illi l-azzjoni tal-attriċi m'hijiex dik maħsuba taħt l-artikolu 72 tal-Ordinanza preċitata għal diversi raġunijiet, fosthom dawk diġà espressi aktar kmieni f'din is-sentenza u li jirrigwardaw proprju n-natura tal-azzjoni. Huwa evidenti li r-raġunijiet miġjuba mill-attriċi biex timpunja l-għemil tal-konvenut jinkwadraw ruħhom taħt it-tifsira ta' dak li għandu jitqies *ultra vires* skont l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kemm hu hekk, li l-awtorità pubblika ma ssegwix il-proċedura applikabbli hija espressament maħsuba bħala għemil *ultra vires* taħt is-subparagrafu (ii) ta' dik id-dispożizzjoni. Hekk ukoll li l-awtorità pubblika taġixxi b'«abbuż» jew «mod'ieħor kontra l-liġi» huma wkoll ċirkostanzi li l-liġi espressament tikklassifika bħala *ultra vires* taħt is-sub-paragrafi (iii) u (iv) tal-istess dispożizzjoni.

40. Fattur ieħor ikkunsidrat minn din il-Qorti huwa li l-kawża saret b'rikors ġuramentat u mhux b'rikors biss, kif jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza. Huwa minnu li dan il-fatt m'huwiex determinanti, għaliex la l-liġi tippreskrivi rikors bħala l-mod kif wieħed għandu jipproċedi, mela allura huwa żgur permissibbli li wieħed jipproċedi b'rikors ġuramentat, kif jgħid ċar u tond l-artikolu 164(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (ara wkoll f'dan is-sens ***Dr. Abigail Bugeja noe vs. Direttur Ġenerali (Dwana)***, Prim'Awla, 3 t'Ottubru 2023). Din il-Qorti mhux qed tgħid mod'ieħor – tgħid biss iżda li l-fatt li l-attriċi ressqet rikors ġuramentat minflok rikors jixhed li hija ma kinitx qed tipproċedi taħt il-proċedura speċjali imsemmija fl-artikolu 72 tal-liġi doganali, u

dan konsistentement mal-fatturi l-oħrajn li qed jiġu kkunsidrati f'dan il-kuntest mill-Qorti.

41. Iżda l-iktar fattur li kellu piż fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti kien il-fatt li l-attriċi flimkien mat-talbiet tagħha għall-ħelsien tal-merkanzija maqbuda qed titlob ukoll id-danni.

42. Ma jidhirx li talbiet għad-danni jistgħu isiru fi proċedura taħt l-artikolu 72, fuq imsemmi.

43. Minn dak li sabet din il-Qorti, il-kwistjoni ġiet ikkunsidrata l-ewwel darba fid-deċiżjoni ***Cutrans Limited vs. Kontrollur tad-Dwana*** (Prim'Awla, 16 ta' Mejju 2002), fejn ġie kkunsidrat hekk:

> Illi skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, hemm dak li jgħid li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, min jagħmel il-kawża jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni mġarrba <u>liema talba tkun imsejsa fuq ir-responsabbilta' allegata tal-awtorita' pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv</u>. Il-kliem tal-liġi juri bla xkiel ta' xejn li, sabiex jista' wieħed jitlob il-ħlas tad-danni, il-kawża jeħtieġ li "ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu". Ir-rikors tal-lum sar taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap 37 u mhux taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12. Huwa minnu li, kif ġie għadd ta' drabi deċiż, fl-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrativa jistgħu jsiru azzjonijiet li jinkludu dik ta' likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' danni, imma biex dan iseħħ, dejjem jibqa' l-fatt li l-azzjoni ewlenija tkun dik li tiddikjara l-azzjoni jew għamil amministrativ bħala ma jiswiex, jiġifieri null;
>
> …
>
> Illi l-azzjoni rikorrenti nbdiet wara li, skond ma jingħad fil-premessi tar-rikors, il-kumpannija rikorrenti għarrfet lill-intimat li hija kienet qegħda titolbu jeħles it-trakk tagħha minn taħt l-awtorita' u li, fin-nuqqas, kienet qegħda tirriserva kull jedd mogħti lilha taħt l-artikolu 73 tal-Kap 37 "għad-danni". F'dak l-avviż, ma hemm l-ebda xilja min-naħa tal-kumpannija rikorrenti li l-għamil tal-Kontrollur tad-Dwana kien lil hinn mis-setgħat li l-liġi tagħtih. Minbarra dan, l-artikolu 73 ma jagħmel l-ebda riferenza għal xi likwidazzjoni ta' danni fil-proċedura speċjali maħsuba skond dik il-liġi speċjali;

> Illi dan kollu juri, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, li l-azzjoni rikorrenti setgħet timmira biss għar-rilaxx minn idejn l-intimat tat-trakk maqbud minnu, u dan wara li l-Qorti tkun soddisfatta li għandha tordna tali ħelsien. Taħt din il-proċedura speċjali, r-rikorrent ma għandux jitħalla jressaq azzjoni oħra li l-liġi tħares b'mod u b'regoli speċjali;

44. L-istess konklużjoni ġiet milħuqa fid-deċiżjoni ***Kevin Ellul vs. Direttur Ġenerali (Dwana)*** (Prim'Awla, 24 ta' Settembru 2019)[32].

45. Barra minn hekk, il-Qorti jidhrilha li l-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana ma tippermettix li fiha jiġu dedotti wkoll talbiet għar-riżarċiment ta' danni għaliex:

    i. il-proċedura taħt l-artikolu 72 hija mfissra mill-artikolu 73 tal-Ordinanza tad-Dwana bħala waħda spedita u sommarja, b'mod li ma jippermettix li jiġu fiha ventilati talbiet għar-riżarċiment ta' danni li ordinarjament jinneċessitaw il-produzzjoni ta' volum akbar ta' provi u f'ċerti każijiet anki l-eżekuzzjoni ta' perizji;
    ii. skont l-artikolu 73(2) tal-istess Ordinanza: «*Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-ilment, il-fatti li minnhom jinqala' l-ilment, ir-raġunijiet għaliex dak l-ilment għandu jintlaqa', u t-talba għall-ħelsien tal-oġġetti maqbuda*». Għalhekk il-liġi stess tikkontempla biss it-talba għall-ħelsien tal-oġġetti maqbuda bħala t-talba li għandha ssir fi proċedura taħt l-artikolu 72 (ara wkoll f'dan is-sens ***Joseph Said vs. Kontrollur tad-Dwana***, Prim'Awla, 29 ta' Mejju 2003).

46. La darba allura l-azzjoni tal-attriċi m'hijiex dik taħt l-artikolu 72, mela t-terminu ta' perenzjoni eċċepit m'huwiex applikabbli. Il-Qorti naturalment mhux qed tgħid illi l-fatt li persuna tipproċedi b'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili meta liġi speċjali tippreskrivi proċedura partikolari m'għandux ikollu konsegwenzi – dik però m'hijiex l-eċċezzjoni li qed tiġi deċiża f'din is-sentenza.

---

[32] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju 2022, għad illi dan l-aspett ma kienx jifforma parti mid-deċiżjoni fit-tieni istanza.

47. Il-Qorti qiegħda tgħid biss li t-terminu eċċepit mhux applikabbli għall-azzjoni esperita.

48. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut se tiġi respinta.

Ikkunsidrat:

49. Illi jmiss issa li tiġi kkunsidrata it-**tielet eċċezzjoni** tal-konvenut, u ċjoè dik tal-perenzjoni taħt l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

50. Din il-Qorti diġà għamlet bosta konsiderazzjonijiet dwar għaliex hija tqis l-azzjoni tal-attriċi bħala waħda li saret taħt l-artikolu 469A. Il-fatt li l-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha ma tagħmel ebda riferenza għal dik id-dispożizzjoni ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-azzjoni hija, fis-sostanza tagħha, waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv.

51. Dan proprju jfisser illi l-preskrizzjoni eċċepita fit-tielet eċċezzjoni hija applikabbli għal din l-azzjoni.

52. Issa l-għemil amministrattiv li l-attriċi trid timpunja f'din il-kawża seħħ f'Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Matul dak ix-xahar, (i) l-attriċi ġiet infurmata verbalment li l-oġġetti importati kienu se jinżammu mid-dwana, (ii) l-istess oġġetti ġew ikkunsinnati lura lid-dwana mill-attriċi, u (iii) id-dwana bagħtet ir-raġuni taż-żamma b'ittra elettronika tal-25 ta' Lulju 2022.

53. Huma diversi d-deċiżjonijiet li jsostnu li t-terminu ta' sitt xhur komminat fl-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa terminu perentorju u ta' dekadenza, u mhux terminu ta' preskrizzjoni li jista' jiġi interrott jew preskritt[33].

[33] Dwar dan, hemm ġurisprudenza kopjuża. Wieħed jista' jagħmel riferenza, ad eżempju, għad-deċiżjoni ***Collis Williams Limited vs. Superintendent tas-Saħħa Pubblika et*** (Prim'Awla, 10 t'Ottubru 2019); kif ukoll għall-ġurisprudenza ċitata f'dik id-deċiżjoni, u ċjoè «*P.A. 2.2.2000 fil-kawża fl-ismijiet Gerard*

54. Dan ifisser li ż-żmien imsemmi fil-liġi laħaq għadda u dan żmien sewwa qabel ġiet preżentata din il-kawża.

55. Il-Qorti ħasbet fis-sottomissjonijiet li saru mill-attriċi dwar il-pożizzjoni diffiċli li sabet ruħha fiha, u dwar il-fatt li l-konvenut fl-ebda ħin ma taha xi direzzjoni dwar x'rimedju għandha fir-rigward ta' dik is-sitwazzjoni. Madanakollu ma jidhirx illi l-konvenut kien fid-dmir li jagħti xi direzzjoni bħal dik. Huwa minnu li f'oqsma oħrajn tal-amministrazzjoni pubblika, hemm każijiet fejn persuna tingħata tagħrif dwar mezzi ta' kontestazzjoni li jkollha fir-rigward ta' xi deċiżjoni partikolari. Din però mhux xi ħtieġa mandatorja, u l-Qorti tifhem li jista' jkun hemm każijiet b'materji aktar kumplessi li irendu ċ-ċirkostanzi ta' dik id-direzzjoni aktar diffiċli u b'hekk inqas idonji. Il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni illi l-fatt li l-konvenut ma ndikax x'rimedji kellha l-attriċi jista' jitqies li jwaqqaf il-mixi tat-terminu perentorju mogħti taħt l-artikolu 469A(3).

56. Fuq kollox, l-attriċi kellha wkoll miftuħ quddiemha rimedju ieħor taħt l-artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana. L-eżistenza ta' dak ir-rimedju jista' anki jolqot il-validità tal-azzjoni odjerna mill-aspett imsemmi fl-artikolu 469A(4), li però ma jiffurmax il-meritu ta' din is-sentenza.

57. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ għalhekk il-Qorti ma tistax tasal għal xi konklużjoni oħra ħlief li tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut.

58. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

i) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

ii) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;

---

*Żammit vs Awtorità tal-Ippjanar (mhix pubblikata); P.A. 27.6.2003, filkawża fl-ismijiet Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et; P.A. 31.5.2002, fil-kawża fl-ismijiet Roberto Zamboni noe. vs Id-Direttur tal-Kuntratti et; App. Ċiv. 7.10.2005, fil-kawża fl-ismijiet Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru; P.A. 10.11.2008, fil-kawża fl-ismijiet Michael Mizzi vs L-Awtorità tat-Turizmu et; u App. Ċiv. 10.5.2009, fil-kawża flismijiet Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rapprezentanza Kunsill Lokali Pieta*».

iii) tilqa’ t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut;

iv) ma tqisx aktar it-talbiet tal-attriċi;

v) tordna li l-konvenut ibati l-ispejjeż relatati mal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu, filwaqt li l-attriċi tbati l-kumplament tal-ispejjeż tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur